Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 12 ta' Frar 2024**

**Seduta Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Versus**

**David James Saliba**
**(120078M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **David James Saliba** ta' 41 sena, bin Alfred u Maria nee' Borg, imwieled fit-3 ta' Frar 1978 u residenti Arogyamatha, Triq Ramija, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 120078M.

Akkuzat talli fl-10 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' 01:15pm gewwa l-hanut bl-isem ta' 'Luggages & Bags' sitwat fi Triq Isouard, Marsa :

1. Hebb ghall-persuna ta' Lino Brincau u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr James Mifsud MD 5997 mic-centu tas-sahha tal-Furjana u dan bi ksur tal-Art. 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' ta' Lino Brincau liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' mitejnu hamsin Ewro (250 Ewro) u dan bi ksur tal-Art. 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena aplikabbli tapplika Art. 383 tal-Kap. 9 ghall-harsien ta' Lino Brincau.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi Lino Brincau xehed illi fl-10 ta' Lulju 2019, fetah il-hanut tieghu *Luggages and Bags* li jinsab Isouard Street, Marsa u wara nofsinhar dahlu fil-hanut David Saliba, li gharaf fl-awla, u l-mara tieghu. David kellu basket f'idejh bir-roti li kien bieghlu hu. David qallu li kien xtara l-basket minghandu bi prezz ta' €30 u meta siefer bih, tqattaghlu u hu wiegbu li kellu jikklejmjah mill-insurance. David wiegbu li l-insurance talbuh €70 biex jiftah claim u peress illi xtrah minghandu, riedu jaghtih iehor. Hu wiegbu li ma setax ghax ma kienx bieghulu bil-garanzija li jekk jitqatta' meta jsiefer jbiddilulu. David wiegbu li kien ser jaghmlu fuq facebook u hu wiegbu aghmel int. Kif qallu hekk, David tah daqqa fuq wiccu bil-baskett tant li waqa' ma' l-art, u David intefa' fuqu u beda jaghtih bil-ponn fuq wiccu u rasu. X'hin ipprova jqum u dar, hass gidma f'dahru, pprova jqum u ntifel minn sensieh. Il-mara tieghu bdiet tghidlu erhilu ghax ser toqtlu. X'hin gie f'sensieh sab il-hanut mqalleb, mar fl-istore u gab l-ilma u s-silg mill-fridge u beda jaghmilhom ma' wiccu biex jigi f'sensieh. Cempel lill-mara biex tmur toqghodlu fil-hanut, sakemm imur l-isptar u sakemm giet beda jirranga l-affarijiet. David kien halla l-baskett warajh u x'hin tefghu fl-istore, nnota li kellu label bl-indirizz. Dak il-hin dahal Surgent, fejn qallu li kien mar xi hadd jaghmel rapport li kien gie aggredit, u hu wiegbu li seta' jara li hu kien gie aggredit u l-Pulizija qallu biex imur il-polyclinic jaghmel certifikat u jmur l-ghassa. B'referenza ghar-ritratti, Lino qal illi l-ewwel ritratt haditulu l-mara l-hanut, u l-ohrajn hadithomlu d-dar filghaxija. Wara jumejn kien cempillu l-iSpettur u qallu li David kien lest li jhallas tad-danni li ghamillu, izda wiegbu li hu ried jkompli ghaddej ghax kien mugugh kullimkien. Ix-xhud kompla jghid illi r-ritratti tal-basktijiet ma' l-art ittiehdu fil-hanut u jahseb illi laqathom meta waqa' mal-art . 'L ghada kien sab beritta u nuccalli ta' David, u l-mara u t-tifel haduhom l-ghassa. F'Dok LB2 jidhru l-hsarat li kien hemm fil-hanut li ttiehdu mill-mara tieghu dakinhar stess. Fl-ahhar sett tar-ritratti, jidher il-basket bhal ma kellu David fejn hemm il-firma tieghu, li kellu qiegh iebes u bir-roti u dan hadu mill-katalgu, ghax il-baskett kien hadu mieghu s-surgent. Hu kompla jghid li hu jikteb bil-lemin, ghamel xahar jisthi minn nies u meta t-tifel tat-tifla ralu wiccu, fejn is-soltu kien jghannqu

dakinhar telaq jigri jibki. Kellu l-ugiegh f'genbu u f'dahru hdejn l-ghadma tal-patata u kien jibki biex jitla' t-tarag tad-dar. Spjega li l-istima Dok POL kienet stima ta' kemm jiswew lilu l-bagalji li kienet saret l-hsara fihom, Dok POL 2 huwa c-certifikat tat-tabib u Dok POL3 huwa r-rapport. Fil-kontro ezami jghid illi ma jiftakarx meta kien bieghlu l-bagalja lil David, izda kien aktar minn hmistax-il gurnata qabel l-incident. B'referenza ghar-ritratti immarkati Dok EM2 jghid illi l-feriti setghu kienu meta tbaxxa David Saliba u beda jaghtih u jista' jkun li ghaffeg in-nuccalli tieghu stess. Subghajn David kienu minfuhin bid-daqqiet li beda jaghtih meta kien fl-art, wara li kien tah bil-bagalja. Ix-xhud cahad illi kien kissirlu n-nuccalli lil David, u meta gie muri r-ritratt tan-nuccali mkisser, qal illi jista' jkun li meta tbaxxa David biex jkompli jaghtih, qalghalu l-beritta u n-nuccalli minn rasu ghax ipprova jiddefendi lilu nnifsu meta David intefa' fuqu u hu beda jipprova jqum. Jista' jkun li giriflu wiccu u ghonqu, ghax David baqa' jaghtih anke bis-sieq. Il-bagalji li saret il-hsara fihom kienu ghadhom ghandu.

Illi xehed David James Saliba li hmistax-il gurnata wara li xtara bagalja kien siefer l-ewwel darba biha u tqatta' z-zip u nqalghet ir-rota. Mar flimkien mal-mara biha il-hanut biex jirranga bil-kelma t-tajba u kif semmielu li ser jgibu fuq facebook, Brincau mar biex jimbuttah u jaggredieh u kissirlu n-nuccalli, gidmu f'subghajh u f'idejh u girfu f'ghonqu u beda jaghtih bis-sieq. Gew fl-idejn ghax iddefenda ruhhu u waqghu fuq xulxin. In-nuccali kien qieghed ghandu d-dar mkisser u kkonferma li kienu l-istess li jidhru fir-ritratt LB3. Cahad li kien hu li tah daqqa bil-bagalja, imma kien Lino u hu mar lura u l-bagalja waqghet minn idejh. Telaq mal-mara u marru l-polyclinic u l-ghassa biex jaghmel rapport. In-nuccali kien xtrah €140 minn Optical Cathedral, Rabat. Fil-kontro ezami, meta gie muri r-ritratti li ezebixxa Lino Brincau bil-feriti, cahad li kien ghamilhomlu hu, ghalkemm gew flimkien, izda meta mar 'il barra mal-mara, Lino kien bil-wieqfa. Meta wasal il-hanut ma kellux tbengil f'wiccu u l-bagalja kienet f'idejh mhux f'idejn Lino u meta Lino mar jaghtih daqqa, hu laqa' d-daqqa bil-bagalja u cahad li kien hu li tah daqqa bil-bagalja. Ikkonferma li t-tnejn li huma waqghu mal-art, u x'hin waqghu mal-art Lino gidmu. Cahad illi meta Brincau kien mal-art baqa' jaghtih bil-ponn u bis-sieq izda ikkonferma li ddefenda ruhu. Il-bagalja ma hadhiex mieghu, ghax nesiha warajh ghax Brincau dahal jigri fl-istore. Il-mara kienet qaltlu hallieh, izda cahad li qaltlu hallieh ghax ser toqtlu.

Illi xehdet Angele Saliba fejn qalet illi r-ragel kien siefer bil-bagalja li xtara hmistax qabel u nkisret ir-rota u z-zip, u huma marru lura l-hanut bil-

kelma t-tajba biex jaghtihom ohra, u tal-hanut kien arroganti u beda jghidilhom le. Kif ir-ragel qallu li kien ser jgibu f*aceboo*k, tal-hanut hebb ghalih b'idejh u hi ppruvat tferraqhom, izda spiccaw mal-art jaghtu bl-idejn. X'hin telqu biex jmorru jaghmlu rapport, Brincau kien bil-qieghda ma' l-art. Ir-ragel kien liebes nuccali u r-ritratti juru d-daqqiet li qala' r-ragel. Fil-kontro ezami ikkonfermat li r-ragel li jidher fir-ritratti LB1 huwa s-sid tal-hanut, u ma tafx jekk kellux griehi meta marru l-hanut ghax kienu mohhom fil-bagalja. Meta r-ragel semma' *facebook,* il-bagalja kienet f'idejn ir-ragel. Hi cahdet li qalet lir-ragel 'ieqaf ghax ser toqtlu' u x'hin hargu u dahlu fil-karozza, rat illi Brincau kien qam bil-wieqfa. Hi ppruvat tiffridhom it-tnejn b'idejha. X'hin telqu indunaw illi kellhom t-tag taghhom mal-bagalja.

Illi Grace Brincau xehdet illi fl-10 ta' Lulju 2019, kienet hadet ir-ritratti bil-mobile taghha li jidhru f'Dok LB1 meta marret il-hanut, u l-ohrajn hadithom lir-ragel taghha Lino, hi stess id-dar dakinhar filghaxija u li juru li ma kelllux griehi f'idejh. Hi kienet hadet ukoll ir-ritratti tal-hsarat fil-bagalji u tal-beritta u n-nuccali li sabu l-hanut u li kienet hadet l-ghassa. Hemm ir-ritratt tal-bagalja li biha r-ragel kien qala' d-daqqiet. Hi ma kinitx il-hanut meta sehh l-incident, izda kienet id-dar qieghda tistenna lil tal-GO u f'xi s-1.00pm kien cemplilha r-ragel u qalilha biex tmur il-hanut ghax kien mar wiehed u tah daqqtejn, u ma kienx f'pozzizjoni li joqghod il-hanut. Rega' cemplilha biex jghidilha li kien ser jaghmel rapport ghax kellu d-dettalji tar-ragel mal-bagalja. Kif telqu tal-GO marret il-hanut u kif ratlu wiccu nhasdet u hadet ir-ritratti u cemplet lit-tifel li tahom parir biex imorru l-polyclinic qabel ma jmorru l-ghassa. Hi ma kinitx ghadha waslet meta mar is-Surgent. Huma kienu zzewgu 33 sena qabel u r-ragel taghha kien ilu fin-negozju tal-bejgh minn hafna qabel. Kellhom *facebook*, li kienet tiehu hsiebha hi u twiegeb lin-nies hi, li kellu kummenti tajbin biss.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi jirrizulta mhux ikkontestat illi David Joseph Saliba kien xtara bagalja minghand Lino Brincau madwar gimghatejn qabel l-incident. Hu kien mal-mara tieghu il-hanut ta' Brincau jilmenta illi meta siefer kienet inkisritlu r-rota tal-bagalja u z-zip. Inqala' dizgwit bejniethom ghax David ippretenda li Brincau kellu jbiddillu l-bagalja, filwaqt illi Brincau qal illi ma kienx bieghlu l-bagalja bil-garanzija u ma setax jibdilhielu. Il-partijiet jidhru li gew fl-idejn fejn minn naha wahda Brincau xehed illi gie aggredit u milqut bil-bagalja wara li rrifjuta li jbiddillu l-bagalja tant illi waqa' mal-

art u waqt illi kien ma' l-art David kompla jaghtih sakemm intilef minn sensieh. Filwaqt illi David qal illi Brincau kien l-ewwel li tah daqqa bil-bagalja, u li aggredih meta qallu li kien ser jikteb dwaru fuq *facebook,* u kienu waqqghu mal-art u kien gidmu, u hu kellu jiddefendi ruhu. It-tnejn li huma pprezentaw ritratti tal-feriti u certifikat tat-tabib li kellhom griehi hfief u Brincau pprezenta ukoll stima tal-hsarat. Xehdet ukoll Angele Saliba li kkorroborat dak illi qal ir-ragel taghha, ghalkemm kien hemm inkonsistenza dwar jekk Brincau kienx bil-qieghda, bil-wieqfa jew kien dahal fl-istore qabel ma telqu.

Illi n-natura tal-feriti huma indikattivi illi kien David Joseph Saliba li kien beda jaghti bil-ponn ghax kellu idejh minfuhin filwaqt illi l-griehi ta' Brincau kienu kompatibbli ma' persuna li giet aggredita. Il-fatt illi l-bagalja kienet f'idejn David Saliba u mhux Lino Brincau, tkompli iddghajjef it-tezi illi kien Brincau li tah daqqa bil-bagalja u mhux Saliba.

Illi wara li rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 221(1), 338(dd) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat David James Saliba hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien **sentejn (2) millum** ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* **Lino Brincau ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **David James Saliba** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil *parte civile* **Lino Brincau.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**